**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Novembru, 2019

Rikors Guramentat numru : 31/15 AL

A B C

vs

D C

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tiegħu li ppremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta' Ġunju tas-sena 2007 u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat hawn anness u mmarkjat Dok A.

2. Illi miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġt ulied u ċioe' F C E u G B A C, it-tnejn għadhom minorenni u dan kif jirriżulta minn Dok B u Dok C rispettivament.

3. Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi, minaċċi, u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra żewġha l-attur, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża.

4. Illi in oltre, il-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

5. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx.

Talab lil-konvenuta tgħid għaliex għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra żewġha l-attur u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minħabba illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru, u tawtorizza lill-attur jgħix separatament mill-konvenuta.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-attur manteniment adegwat għaliha u għall-ulied li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skond il-bżonnijiet tal-istess attur u l-mezzi tal-konvenuta, bil-modalita’ ta’ ħin, lok, u ġurnata ta’ pagament li tiġi wkoll stabbilita, inkluż provvediment għaż-żjieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju u/jew kwalunkwe introjtu ieħor tal-konvenuta.

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta’ Malta fis-sħiħ jew parzjalment b’ dan illi jekk ikun il-każ, il-konvenuta titlef kull jedd li għandha għan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila tal-attur u dan minn data illi tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b’opera ta’ perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

6. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, l-oġġetti parafernali tiegħu inkluż flus, stocks, shares, deheb u ħaġar prezzjuż, u fin-nuqqas tikkundannaha tħallas lill-attur l-valur tagħhom kif jiġi hekk likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

7. Taffida l-kura u l-kustodja taż-żewġt ulied F C E u G B A C lill-attur u fin-nuqqas aċċess adegwat.

8. Tawtorizza lill-attur illi jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li permezz tagħha esponiet a fol 26:

1. Illi preliminarjament l-esponenti ġġib akonjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi hija ġiet notifikata fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u mhux personalment u li għalhekk din in-notifika ma hijiex valida ai termini tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda nonostante dan hija qed tagħti ruħha notifikata u għalhekk qed tressaq is-segwenti risposta ġuramentata tagħha.

2. Illi hija taqbel mal-attur għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dawn mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-attur kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk it-talbiet tal-attur in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għal-ksur tal-ħajja miżżewġa huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u huwa l-attur li għandu jinstab ħati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqqas li jottempora ruħu mal-obbligi matrimonjali, u ukoll hu ħati ta' swat, sevizzi, theddid, offiżi u nġurja gravi fuq l-esponenti u ulied il-kontendenti u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16;

3. Illi hija tiċħad bil-qawwa li hija kkomettiet adulterju u fil-fatt huwa l-attur li huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet premessi hawn fuq;

4. Tikkontesta t-tieni talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod ma għandha tbati xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut u dan għaliex kif ser jiġi pruvat, huwa l-attur illi huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ. Illi in oltre, kif ser jiġi ppruvat iddekada għad-dritt ta' manteniment għar-raġunijiet msemmija. Illi in kwantu għal manteniment tal-ulied , din it-talba

wkoll għandha tiġi miċħuda, stante li l-minuri dejjem kienu fdati fil-kura tagħha peress illi l-attur naqas milli jkun preżenti għall-istess trobbija tal-minuri u l-ftit ħin li huwa kien magħhom huwa kommetta sevizzi, moħqrija u inġurji gravi fuq l-istess ulied;

5. Tikkontesta t-tielet talba stante illi ma għandha tbati l-ebda sanzjonijiet hekk kontemplati u jekk xejn dawn is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti fuq l-attur għar-raġunijiet premessi kif ser jirriżulta u jiġi ppruvat tul il-proċediment tal-kawża;

6. Taqbel mar-raba' talba u parzjalment mal-ħames talba stante illi l-istess kommunjoni għandha tiġi likwidata iżda bla ebda mod ma għandha tbagħti xi nuqqasijiet fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni;

7. Tikkontesta s-sitt talba stante illi l-esponenti ma għandha l-ebda oġġetti parafernali tal-attur stante illi hija flimkien ma' uliedha kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali u jirrikorru għar-refuġju minħabba swat u vjolenza da parti tal-attur fuq l-esponenti u l-ulied minuri;

8. Tikkontesta b'mod assolut is-seba' talba stante illi hija dejjem ħadet ħsieb għal bżonnijiet tal-istess minuri li sal-llum dejjem għexu mal-esponenti u hija l-aktar ġenitur idoneju sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-istess minuri. Illi mhux hekk biss, iżda wkoll l-attur dejjem ħaqar lill-istess uliedu bi swat ikrah u vjolenti tant illi anke t-torturhom u żammhom msakkra kontra l-volonta' tagħhom. Illi għaldaqstant, l-esponenti topponi illi għandu jkun hemm aċċess għall-istess minuri stante illi huma ferm mbeżża' minn missierhom u għadhom trawmattizzati mis-swat li ġie subit fuqhom. Illi l-esponenti tagħmel ukoll referenza għad-digriet tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fejn ġie ordnat ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra A B C a favur tal-esponenti u uliedha, fejn ukoll ġie projbit milli jagħmel kuntatt mal-istess;

9. Taqbel mat-tmien talba.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż konta l-attur li hu nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta a fol 30, li permezz tagħha iddikjarat:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta’ Ġunju 2007 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied minorenni, F C E, ta’ tmien (8) snin u G B A C ta’ tlett snin (3) rispettivament;

2. Illi ż-żwieġ ta’ bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba vjolenza, swat, eċċessi, minaċċi, sevizzi theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u jagħtu lok għas-separazzjoni personali skond il-Liġi, bi ħtija imputtabli unikament għall-attur rikonvenzjonat;

3. Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti għamlet minn kollox sabiex tipproteġi lilha nnifissha u lill-uliedha minn moħqrija kiefra kommessi mill-attur rikonvenzjonat tant illi kellkom jirrikorru għar-refuġju ġewwa xelter bl-għajnuna tal-ħaddiema soċjali;

4. Illi l-attur rikonvenzjonat dejjem żamm kontroll assolut fuq l-esponenti u uliedu tant illi għamel minn kollox sabiex jaqtalha kull kuntatt minn mal-ġenituri, familjari u ħbieb u anke żammhom kontra l-volonta’ tagħhom;

5. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m’għadhiex aktar possibli;

6. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f’din l-kawża permezz ta’ digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 13 ta’ Jannar 2015;

7. Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet għaliex l-attur rikonvenzjonat għar-raġunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna din il-Qorti m’għandiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba vjolenza, swat, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-attur rikonvenzjonat kontra l-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tgħix separatament mill-attur rikonvenzjonat;

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lill-kontendenti f’idejn l-esponenti F C E u G B A C;

3. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-attur rikonvenzjonat għaliha u għal uliedhom minuri fuq imsemmija, F C E u G B A C u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja , filwaqt li tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat iddekada minn kwalsijasi dritt li jitlob jew jipperċipixxi manteniment mingħand il-konvenuta rikonvenzjonanti;

4. Tordna lill-intimat sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta’ saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm jkunu għadhom jistudjaw;

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwisa l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oġġett formanti l-kommunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f’żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lir-rikorrent u l-oħra lill-intimat, u dan okkorendo b’opera ta’ perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u tapplika kontrih interament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 sa 55 ta’ Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

7. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali tagħha;

8. Tappunta kuraturi sabiex jirrapreżenta l-attur rikonvenzjonat fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta’ diviżjoni relattiva f’jum u ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal-kunjom xbubitha E;

10. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imgħax kontra l-attur rikonvenzjonat, inkluż l-ispejjeż tal-mandat ta’ Impediment ta’ safar tal-minuri numru 319/14 RGM u rikors

urġenti datat 9 ta' Jannar 2015 u segwenti notifiki, li hu minn issa, inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanta.

Semgħet lix-xhieda illi tressqu,

Rat lid-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-llum,

Ikkunsidrat

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C, fejn fir-rikors promotur intalbet is-separazzjoni personali, hemm talba sabiex l-intimata tħallas manteniment adegwat għall-minuri uliedhom, talba biex il-Qorti tapplika kontra l-intimata d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-likwidazzjoni tagħha billi tinqasam f'żewġ porzjonijiet. Qed jintalab ukoll li r-rikorrent jiġi fdat bil-kura u kustodja ta' uliedhom minuri. Jiġi nnutat li hemm kontro-talba da parti tal-intimata, fejn ġiet mitluba s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, illi tafda l-kura u kustodja ta' uliedhom minuri esklussivament f'idejha, u li jiġi likwidat l-ammont ta' manteniment li għandu jitħallas mir-rikorrent rikonvenzjonat, kif ukoll sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri, talba għad-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Ċivili kontra l-intimat, u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, sabiex issir il-qasma f'żewġ porzjonijiet, billi jsir att ta' diviżjoni. L-attur ma pprezentax risposta ghal din il-kontro-talba.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti: il-partijiet iżżewġu fit-30 ta' Ġunju 2007, kif jidher mill-att taż-żwieġ esebit bħala Dok A mar-rikors promotur. Jirriżulta mill-proċess anness, li nbdew proċeduri ta' medjazzjoni kif jidher minn każ 1826/14 anness. Iżda l-medjazzjoni ma seħħitx. Jirriżulta wkoll li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, F C E u G B A C , li t-tnejn għadhom minorenni, kif jidher mill-att tat-twelid tagħhom esbebit mar-rikors promotur, Dok B u Dok C. Jirriżulta wkoll mill-atti tal-każ li D C kellha tirrikorri għall-għajnuna tal-aġenzija Appoġġ, fejn anke l-ulied minorenni kienu segwiti mis-social workers tal-Appoġġ.

**Provi:**

D C xehdet permezz ta' affidavit[1] u qalet li hi żżewġet lil B fit-30 ta' Ġunju 2007 biċ-ċivil, sena wara li kien twieled binhom F fit-30 ta' Mejju 2006, peress li kienet sfat tqila qabel iż-żwieġ. Spjegat li għall-ewwel ma kellhomx problemi iżda meta kienu marru joqgħodu ġo dar il-Gudja żewġha kien beda jsir aktar aggressiv. Żiedet tgħid, li fil-bidu tas-sena 2008, hi A u l-iben F marru l-Libja, fejn qallha li kienu se jiżżewġu, iżda minflok kien eventwalment qallha biex tħalli lit-tifel il-Libja biex irabbuh il-familja tiegħu peress li hi ma kinitx Musulmana u ma kinitx taf trabbih. Hi kienet marret tara lit-tifel il-Libja xi darbtejn jew tlett darbiet f'sena, għal tlett snin sħaħ. Qalet ukoll li żewġha ried iċ-ċurkett tat-tieġ u t-Talaq għax kien qed ifittex mara biex jiżżewwiġha. Illi wara li hi rreżżistiet dan, A, wara sentejn, kien ġie joqgħod f'Malta magħha mingħajr it-tifel. Qalet li hi kienet aċċettat li ssir Musulmana u hu wegħedha li jġib it-tifel f'Malta u huma kollha flimkien marru igħixu f'Ħal Għaxaq. Spjegat li fil-bidu tas-sena 2011 hi reġgħet inqabdet tqila, u twieled binhom I, iżda meta kienet tqila A kien vjolenti magħha. Minħabba dawn l-episodji ta' tgħajjir u vjolenza hi xi drabi telqet mid-dar u marret torqod għand ommha u ħalliet it-tfal id-dar ma' A. Qalet li sussegwentement kien hemm episodji gravi fejn A kien sawwat lit-tfal, fejn F kellu marki ħomor f'dahru. Semmiet episodji oħra fejn A kien isawwat it-tfal u jtihom bis-sieq u serje ta' episodji vjolenti. Qalet li A kien jgħajjar ta' spiss lil H u kien isawwtu spiss ħafna wkoll. Spjegat li sussegwentement, l-iskola xi ħadd kien irraporta lill-Appoġġ meta ra lit-tfal bil-marki f'idejhom, fejn anke għenu lilha sabiex tidħol ġewwa xelter fejn baqgħet għal xahrejn sakemm ħarġet u setgħet tfendi għar-rasha, iżda minn żmien għal żmien A kien jiġi u jidħol id-dar b'mod aggressiv u jiddetta, xorta waħda, u dan mingħajr ma jagħti manteniment lit-tfal, kontra dak ordnat fl-atti tal-medjazzjoni.

SM 222 John Mary Caruana esebixxa l-fedina penali ta' A C li ġiet mmarkata bħala Dok JMC1.

L-Ispettur Hubert Cini ippreżenta s-sitt rapporti f'isem D C Dok HC1 sa HC6.

Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta esebixxa Dok SC1, li turi vettura reġistrata preżentement fuq D C, Dok.SC2 li juri li fil-passat ma kienx hemm vetturi, Dok.SC3 li turi vetturi preżentement irreġistrati fuq A B C, u Dok.SC4 juri vetturi li fil-passat kienu rreġistrati f'isem A B C.

[1] Fol 121 et seq tal-process.

Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus esebixxa Dok JS1, employment history ta' A C, Dok JS2, ir-registration history tiegħu, Dok JS3, l-employment history u Dok JS4 ir-registration history ta' D C.

Sarah Cuschieri in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali esebiet Dok SC1, dwar ħlasijiet għall-qagħad u kkonfermat li A C qed jirċievi benefiċċji soċjali ta' Ewro 105.54 fil-ġimgħa u dan sal-11 ta' Mejju 2018.

Joanna Bartolo xehdet in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc u esebiet Dok JB1 u Dok JB2 f'isem il-konvenuta u Dok JB3 f'isem A C.

Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc esebiet Dok MB1 sa MB4 kontijiet bankarji f'isem D C u A C, u f'isem A C hija xehdet li ma jeżistux kontijiet.

Daniela Galea social worker mal-Appoġġ, qalet li ltaqgħet ma' D C meta kienet ġiet l-Appoġġ f'Dicembru 2014, u din kienet it-tieni darba li kienet ġiet, peress li l-ewwel okkażjoni kienet f'Marzu 2011. Spjegat li meta ltaqgħet magħha fl-2014, kienet infurmatha li żewġha kien ikun vjolenti magħha u jtiha daqqiet ta' ponn f'idha. Qalet li hi kienet irrakkontat li l-vjolenza kienet severa peress li ġieli anke sawwatha f'darha meta kienet tqila, minbarra l-abbuż psikoloġiku u kliem ta' demoraliżżazzjoni. Inoltre`, qalet li kienet irrakkontat li kien hemm vjolenza fuq it-tfal. Ikkonfermat ukoll, li sakemm kienet involuta fil-każ u sakemm kienet qegħda f'shelter kien jiġi jdur fl-inhawi biex jara fejn qegħda.

Emma Portelli Leader tal-Għabex shelter ikkonfermat li D C kienet l-ewwel għamlet kuntatt magħhom, u sussegwentement kienet daħlet ġos-shelter fid-19 ta' Dicembru 2014 u telqet minn hemmhekk fl-20 ta' Jannar 2015, wara 'Protection order' mill-Qorti u dan għax kienet ħassitha 'safe'. Ikkonfermat li D kienet daħlet hemm wara li sofriet vjolenza domestika u t-tfal anke kienu segwiti minn social workers tal-Appoġġ.

Maria Ruth Ciantar in rappreżentanza tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u ppreżentat Dok KC1, sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati datata 4 ta' Awissu 2016.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

Illi fil-każ in eżami, r-rikorrent qed jallega li l-intimata hi ħatja ta' adulterju, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi fil-konfront tiegħu. Illi fil-kontro-talba, tagħha l-intimata rikonvenzjonanti sostniet li hu proprju r-rikorrent li hu ħati għat-tkissir taż-żwieġ permezz ta' vjolenza, swat, eċċessi, minaċċi, servizzi, theddid u offiżi gravi bi ħtija unikament imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonat. Għalhekk, irid jiġi determinat, wara eżami akkurat tal-provi prodotti, lil min hija imputabbli l-r-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ.

F'dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu 40 tal-Kodici Civili[2] li jistipula:

"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment."

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[3] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[4], ġie ribadit illi sabiex tiġi promessa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi ghas-servizzi[5] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat

---

[2] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.
[3] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[4] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[5] Ara s-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Cit. Nru. 1677/1995/RCP).

illi: “Ċerti fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **servizzi**.”

Fis-sentenza diġà iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-**inġurji jew offiżi gravi** gew defintii bħala li “jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta’ dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.” Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut “l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta’ l-Imhallef sabiex jivvalutahom.”

**L-eccessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: “eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta’ serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta’ periklu ghall-ħajja tal-parti l-oħra.”

**<u>Responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ u applikazzjoni tal-Fatti in Eżami</u>**

Jirriżulta indubbjament ippruvat, li r-rikorrent A kien ħati ta’ vjolenza,eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tar-rikorrenti. Illi xehed L-Ispettur Hubert Cini li esebixxa r-rapporti kollha li għamlet l-intimata fil-konfront tar-rikorrent, Dok HC1 sa HC6. Illi ġiet esebita wkoll sentenza Dok KC1, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 4 ta’ Awissu 2016, meta ttieħdu proċeduri Kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u permezz ta’ din is-sentenza inħarġet ordni ta’ protezzjoni kontra l-intimat.

Fix-xiehda tagħha, l-intimata sostniet li hija kkonfermat ukoll fix-xiehda tagħha, li kellha tirrikori għal Aġenzija Appoġġ u kellha wkoll titlaq mid-dar u toqgħod ġo l-Għabex xelter ghall-protezzjoni tagħha minħabba l-vjolenza domestika li sofriet. Dan fil-fatt, jinsab korroborat bil-provi.Daniela Galea, Social Worker mal-Aġenzija Appoġġ sostniet li meta l-intimata rrikorriet għall-għajnuna tal-Aġenzija Appoġġ kienet irrakkontat li sofriet vjolenza severa u li anke t-tfal tagħha kellhom jiġu assistiti mis-social workers tal-Aġenzija Appoġġ. Emma Portelli, leader tal-Għabex xelter, ikkonfermat bil-ġurament li l-intimata kienet iddaħlet fl-Għabex xelter għall-protezzjoni tagħha wara li sofriet vjolenza domestika.

Illi jirrizulta ukoll li r-rikorrent kien żamm u ssekwestra lil ulied il-kontendenti kontra l-volonta tagħhom, delitt aggravat minħabba li l-offiża saret fuq il-persuni msemmija fl-artikolu 202(h) ai termini tal-artikoli 86 u 87 tal-Kap 9, kif jidher mill-‘conviction sheet ‘esebita Dok JMC1 a fol 150.

Inoltre`, dawn il-fatti, riżultanzi u provi ma ġew bl-ebda mod kontraddetti mill-kontro-parti, u cjoe, ir-rikorrent. Di piu, r-rikorrent, bl-ebda mod ma ressaq l-icken prova dwar dak allegat minnu fir-rikors promotur fil-konfront tal-intimata. Fil-fatt, fir-risposta taghha ghar-rikors promotur, l-intimata sostniet fit-tieni u t-tielet eccezzjoni tagħha, li l-ebda ħtija m'għandha tiġi attribwita lilha, kuntrarjament għal dak allegat minnu fir-rikors. Fil-fatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bl-ebda mod ma ġew ippruvati. Għalhekk, din il-Qorti taqbel mal-intimata rikonvenzjonanta li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ hi attribwita esklussivament lir-rikorrent.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, jiġi dedott li m'hemmx raġuni għaliex din il-Qorti m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C. Jiġi ritenut li l-intimat irrenda ruħu ħati ta' moħqrija fil-konfront ta' martu u wliedu minħabba vjolenza u moħqrija matul is-snin li huma kienu miżżewġin. Għaldaqstant, dan il-fatt ikkontribwixxa għat-tifrik taż-żwieġ, u t-tort hu imputabbli unikament lir-rikorrent.

Għalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.

L-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili huwa mandatarju li jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[6];

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet

[6] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

M'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-moħqrija u l-vjolenza da parti tar-rikorrent. Illi fil-fatt, ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li kien hemm diversi episodji ta' vjolenza u moħqrija fil-konfront tal-intimata tant, li wara d-diversi rapporti lill-Pulizija, fejn ġiet rapportata vjolenza u offiżi gravi, u ħsara psikoloġika, ittieħdu anke proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Illi dan jipprova suffiċjentement il-moħqrija u l-abbuż li kien sar mir-rikorrent versu l-intimata matul iż-żwieġ. Illi dawn il-fatti u okkorrenzi huma kollha inkontestati.

Adoperat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha illi l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex ġustifikata u qed issib lir-rikorrent ħati ta' moħqrija, u offiżi gravi fil-konfront tal-intimata, kwindi tiċħad it-tielet talba tar-rikorrent u tilqa' is-sitt talba tal-intimata rikonvenzjonanta.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tar-rikorrent l-effetti in toto tal-Artikoli 48 *et sequens* tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, ir-rikorrent iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-intimata u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

<u>Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:</u>

Fl-ewwel lok, il-Qorti qegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi C.

<u>Depożiti bankarji</u>:

Referibbilment għall-prova dwar il-kontijiet bankarji, il-Qorti tiddikjara li kull parti, b'referenza għall-kontijiet li għadhom miftuħin, għandha żżomm il-kont u l-ammont indikat fil-kont f'isem il-partijiet. B'hekk il-kontijiet Dok JB1 u JB2 mal-Bank BOV intestati f'isem l-intimata qegħdin jiġu assenjati lilha u l-kont Dok JB3 mal-Bank of Valletta, intestat f'isem ir-rikorrent qiegħed jiġi assenjat lilu. Bl-istess mod il-kontijiet esebiti mir-rappreżentant tal-

Bank HSBC esebiti  a fol 302 et seq tal-proċess, intestati f'isem l-intimata, qed jiġu assenjati lilha.

Rigward il-kontijiet bankarji l-oħra li xehdu fuqhom ir-rappreżentanti tal-Banek, il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet intestati f'ismu/isimha.

Vetturi:

Illi mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant ta' Transport Malta, jirriżultaw il-vetturi reġistrati f'isem ir-rikorrenti u  dawk f'isem l-intimata f'Dok SC1 u Dok SC3. Il-Qorti qegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-vetturi reġistrati f'isimhom.

Il-beni  parafernali

Rigward it-talba l-oħra relattiva  għall-oġġetti parafernali inkluż flus, stocks shares u deheb, tar-rikorrent, jiġi ritenut li ma nġiebet l-ebda prova dwar dan. Għaldaqstant, tiċħad is-sitt talba tar-rikorrent.  L-intimata rikonvenzjonanti talbet, tramite s-seba' talba rikonvenzjonanti, li l-oġġetti kollha  parafernali tagħha jiġu rrestitwiti lilha. Madankollu, ma tressqet ebda prova in sostenn għal dawn l-oggetti parafernali. Għaldaqstant, fil-karenza tal-prova, tiċħad is-seba' talba tal-intimata rikonvenzjonanti.

DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawza Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[7], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni  tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25  ta' Gunju  2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[8], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[9], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[10], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili[11].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad johroġ ir-

---

[8] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[9] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[10] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[11] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.

(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' ohra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust."

<u>APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi r-rikorrent ma aġixxiex ta' ġenitur responsabbli billi kemm-il darba ha lil ibnu F barra minn Malta u saħansitra uża moħqrija u vjolenza fuq uliedu, kif jirriżulta mir-ritratti esebiti u mill-assjem tal-provi.

Għalhekk, jista' jingħad li r-rikorrent ċertament ma jistax jitqies il-persuna ideali li għandu jiġi affidat bil-kura u kustodja tal-minuri F C E u G B A C. Għalhekk, din il-Qorti tikkondividi l-oppożizzjoni tal-intimata fir-risposta tagħha għas-seba' talba tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu. Jirriżulta wkoll, li r-rikorrent iddekada mill-obbligu tal-manteniment versu uliedu, kif ukoll li ma kienx ġenitur idoneu.

Inoltre`, ir-rikorrent lanqas ma kkontribwixxa għall-manteniment kif ordnat fil-proċess ta' medjazzjoni, kemm ilu separat *de facto* minn mar-rikorrenti. Lanqas ma jirriżulta li għandu xogħol u salarju adegwat sabiex ikun jista' jiġi fdat bil-kustodja tal-minuri kif mitlub mill-istess rikorrent,

Min-naħa l-oħra, r-rikorrenti weħedha ħadet ħsieb it-trobbija u l-kustodja tal-minuri, b'dedikazzjoni u dejjem ħadithom magħha anke meta kienet telqet mid-dar u marret fis-shelter minhabba l-vjolenza domestika sofferta. Inoltre`, hija kkontribwiet ukoll finanzjarjament għat-trobbija tagħhom, fil-perjodu kollu li ilha separata *de facto* minn mar-rikorrent.

Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatti u r-riżultanzi jiġi dedott, li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri għandha tkun f'idejn l-intimata D  C. Għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad limitatament is-seba' talba tar-rikorrent billi tagħti biss aċċess lir-rikorrent ta' darba f'xahar għal sagħtejn kull darba taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ fil-ġurnata u l-ħinijet li tistabbilixxi l-istess Aġenzija Appoġġ sabiex jara l-ulied F C E u G B A C. Min-naħa l-oħra, tilqa' t-tieni talba ta' l-intimata rikonvenzjonanti, billi tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri  F C E u G B A C esklussivament f'idejn l-intimata D C.

Referibbilment għall-manteniment, minkejja li ma nġabux provi sodisfaċenti biex il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tistabilixxi manteniment ġust u ekwu, xorta waħda ser tgħaddi biex tiffissa manteniment għall-minuri. Jirriżulta li F C E, iben il-kontendenti għandu tlettax il-sena u għalhekk għadu minuri, u G B A C għandu tmien snin u għalhekk għadu wkoll minuri.

Illi l-obbligu tal-attur li jħallas manteniment evidentement għadu viġenti għaliex tali obbligu huwa intrinsiku mal-fatt li persuna tkun ġenitur. Indubbjament, id-deċiżjoni tal-Qorti ma tistax tkun mod ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti ser tordna li f'dan il-każ jithallas ftit anqas mill-medja applikabili fil-ġeneralita tal-każi miġjuba minħabba li jidher li l-attur ma jaħdimx, iżda l-obbligu tal-manteniment huwa regolat bil-liġi. Il-Qorti hija għal kollox sprovvista minn kwalsiasi informazzjoni  dwar l-introjtu tar-rikorrent jew tal-kapaċitajiet lavorattivi tiegħu. Ma nġabitx il-prova dwar x'xoghol kien jagħmel meta kien hawn Malta u kemm kien jaqla' mill-istess xogħol.  Wisq anqas. Iżda minkejja dan, il-Qorti xorta ser tgħaddi biex tiffissa manteniment għall-ulied minuri.  Illi fil-fatt, jirriżulta mill-proċess anness fl-atti tal-medjazzjoni li r-rikorrent diġa kien ordnat iħallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar. Din il-Qorti ser tiffissa rata ta' manteniment għaż-żewġ ulied fl-ammont ta' €300 fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jkun jinkludi wkoll is-sehem tal-attur mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild.  Tali manteniment jibqa' jithallas di fermo sakemm il-minuri jkollhom tmintax-il sena.  Jekk l-istess minuri meta jsiru maġġorenni ikunu qed jistudjaw fuq bażi full-time, allura tali manteniment

għandu jibqa' jitħallas mill-attur sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bażi full-time jew jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita ssehh l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż 'children's allowance', għandu jkun perċepibbli mill-konvenuta.

Tilqa' wkoll ir-raba' talba tal-intimata rikonvenzjonanti billi tordna lir-rikorrent iħallas ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa b'referenza għall-ulied minuri, kif ukoll nofs l-ispejjeż edukattivi.

Illi l-intimata rikonvenzjonanti talbet ukoll sabiex tirċievi retta alimentari għaliha oltre milli għal ulied iżda, tenut kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, m'hemmx lok ta' manteniment għall-intimata.

**<u>Decide</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, u tilqa' t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba vjolenza, swat, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mir-rikorrent rikonvenzjonat kontra D C, konsegwentement tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanti tgħix separatament mir-rikorrent rikonvenzjonat.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-kontro-talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri F C E u G B A C esklussivament f'idejn l-intimata rikonvenzjonanti.

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba tal-kontro-talba u tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat iħallas l-ammont ta' Ewro 300 fix-xahar bħala manteniment għall-ulied minuri F C E u G B A C. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas minn introjtu jew benefiċċju soċjali li jipperċepixxi r-rikorrent rikonvenzjonat. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3 B tal-Kodiċi Ċivili, ir-rikorrent rikonvenzjonat hu obbligat li jħallas il-manteniment għall-uliedu minuri sakemm jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda, fl-eventwalita, li l-ulied jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time, wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm jagħlqu l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children's allowance għandu jkun percepibbli mill-intimata rikonvenzjonanta.

4. Tilqa' r-raba' talba tal-kontro-talba u tordna lir-rikorrent rikonvenzjonanti jħallas ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għall-istess ulied minuri.

5. Tilqa' limitatament il-ħames talba tal-kontro-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet iżda tiċħadha in kwantu tiddikjara li m'hemmx lok ta' likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti.

6. Tilqa' s-sitt talba tal-kontro-talba u tapplika fil-konfront tar-rikorrent rikonvenzjonat l-effetti kollha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequens tal-Kodiċi Ċivili.

7. Tiċħad is-seba' talba tal-intimata rikonvenzjonanta għar-raġuni diġà spjegati taħt it-Titolu 'Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti' u s-sub-titolu 'l-Beni Parafernali.'

8. Tiċħad it-tmien talba tal-kontro-talba stante li m'hemmx lok ta' att ta' diviżjoni fil-każ in diżamina.

9. Tilqa' d-disa' talba tal-kontro-talba u tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanti sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha E.

10. Tilqa' l-għaxar talba tal-kontro-talba u tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanti tirreġistra l-preżenti sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mir-rikorrent rikonvenzjonat.